MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Numru 1064/2012

Il-Pulizija
(Spettur Rennie Stivala)

vs

Mark Agius

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 7888G**,** akkużat talli f’Awwissu 2012 u qabel, f’dawn il-Gżejjer:

1. assoċja ruħu ma’ xi persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-għan li jdaħħal l-ammont li jeċċedi l-100,000 skartoċċ 12 gauge fil-Libja mingħajr liċenzja għall-esportazzjoni tal-istess skrataċ;

2. sabiex jikseb vantaġġ għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f’dokument maħsub għal awtorita pubblika

(Dwana) xjentement għamel dikjarazzjoni falza jew ta tagħrif falz;

3. mingħajr il-liċenzja jew il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, pprova jesporta lejn il-Libja munizzjon skond l-iskedi tal-Kap 480;

4. ipprova jagħmel bejgħ, provvista jew trasferiment, direttament jew indirettament lil ċittadin tal-Jamaħirija Għarbija Libjana minn Malta jew minn ċittadini Maltin, jew billi uża bastimenti reġistrati taħt il-bandiera ta' Malta, ta' armi u tagħmir relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon;

5. fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana akkużat talli fl-14 ta' Awwissu 2012, bil-ko-operazzjoni ta' persuna jew persuni oħra, bil-ħsieb li jevadi xi projbizzjoni u/jew restrizzjoni tad-Dwana, u/jew taħt xi Liġi oħra, xjentement ittenta jew kien b'xi mod involut biex jiġu esportati kwantita' ta' skrateċ, liema esportazzjoni kienet suġġetta għal limitazzjoni jew għat-tħaris ta' kondizzjonijiet. Dawn l-iskrateċ instabu, wara intervent mill-uffiċjali tad-Dwana, ippakkjati u moħbija ma' kwantita' ta' *Energy Drinks - Red Bull*, waqt li kienu qed jitgħabbew fuq *container* bin-Numru TGHU2214755, biex sussegwentement jiġu esportati lejn il-Libja. Instab ukoll li kien hemm *toiletries* biex jiġu esportati. Sew l-*Energy Drinks - Red Bull* kif ukoll it-*toiletries* kienu ddikjarati għall-esportazzjoni lejn il-Libja bid-dokument tal-esportazzjoni tad-Dwana Numru 2012200111742.

L-iskrateċ, l-*Energy Drinks - Red Bull u t-toiletries* għandhom Valur ta' €38,896.00, €45,481.21 u €756.00 rispettivament. Dazju tal-Esportazzjoni - Xejn

Il-Qorti mitluba sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-

ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni tal-imputat, tiddikjarah u ssibu hati.

Rat l-Artikli 48A, 188 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikli 5(2) u 51 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u ta’ Regolament 4(1)(a) u 9 tal-Avviz Legali 69/2011, u tal-Artikli 60(f)(g), 61(1), 62(h)(l)(m), 68(1), 69(1)(2) u l-paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u €600 multa li terz minnhom huma dejn civili.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------